**Diskors Gradwazzjoni – 9 ta' Novembru 2010**

Għan ewlieni ta' l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI (IFP) joħroġ mill-fatt li l-Knisja f'Malta, fil-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni, tagħraf bħala impenn urġenti l-formazzjoni tal-membri tagħha: "Hi meħtieġa formazzjoni solida u profonda, kontinwa u aġġornata għall-insara kollha Maltin" – (preż *Kultura, Soċjeta' u Knisja*); "Hi meħtieġa formazzjoni soda" – (*Xandir tal-Kelma* 28, 30); "immirata prinċipalment għall-operaturi pastorali" – (preż; *Xandir tal-Kelma*).

Il-*logo* ta' l-IFP, kif tafu jispira ruħu mill-ikona tat-Trinità li Andrei Rublev 'kiteb' fil-15-il seklu. Naħseb tajjeb li ngħid li l-ħsieb wara l-għażla ta' dik l-ikona kien wieħed li jiddefinixxi l-identità tal-IFP: ma teżistix missjoni jekk m'hemmx komunjoni. Ma teżistix missjoni jekk m'hemm komunjoni fit-Trinità, komunjoni bejnietna bħala membri tal-Ġisem ta' Kristu, komunjoni bejnietna u bejn dawk kollha li l-Mulej jibgħatna naqdu.

Dan wassal biex ngħixu lill-impenn tagħna bħala Bord tal-IFP b'mod mill-aktar ekklezjali, b'mumenti ta' talb u riflessjoni fuq il-kelma t'Alla li servewna bħala opportunitajiet ta' ispirazzjoni, kif ukoll mumenti soċjali u familjari. Dan wassal ukoll għal kollaborazzjoni sabiħa ma' tant agenziji fi ħdan il-knisja u ma' tant persuni li bħalna jħobbu lill-Knisja u bħalna jixtiequ jarawha isbaħ u isħaħ bħas-Segretarjat għall-Katekeżi, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja, il-Ċentru ta' Spiritwalità Injazjana, iċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja, l-Opri Pontifiċji Missjunarji, il-Fakultà tat-Teoloġija, il-Kummissjoni Djoċesana Familja, il-Moviment ta' Kana, l-Għaqda Bibblika Maltija u ċ-Ċentru ta' Spiritwalità Karmelitana. Nirringrazzjawhom minn qalbna ta' din l-opportunità li naħseb li arrikjietna lkoll. L-IFP ma jridx jibni xi realtà esklussivament tiegħu imma jfittex biss li jsostni, jikkollabora u jagħmilha possibbli li noħolmu flimkien. Hu f'dan id-dawl li qegħdin niċċelebraw flimkien il-gradwazzjoni tagħkom – din is-sena 138 persuna temmew jew attendew 6 korsijiet differenti. Tajjeb ngħidu li s'issa irċevew formazzjoni mill-IFP f'korsijiet iktar minn 430 persuna.

Tajjeb li nagħrfu din ir-rikkezza ta' żmienna. Forsi ftit kien hemm żminijiet meta tant persuni mgħammda kienu qed jagħmlu esperjenza ta' fidi u għandhom għarfien tal-fidi li qabel kienu miftuħa aktarx biss għall-membri tal-kleru jew għar-reliġjuzi. U dawn l-istess persuni jixtiequ, u jistgħu, jagħtu ħafna!

Hu f'dan id-dawl li rġajna ftaħna, din is-sena, disa' korsijiet oħra b'aktar minn 170 parteċipant gdid. Hu f'dan id-dawl li qed niżviluppaw korsijiet fuq il-livell ta' unitjiet parrokkjali pastorali – biex insaħħu l-operaturi pastorali il-parroċċi tagħna b'għarfien u apprezzament akbar tal-fidi tagħna. Hu f'dan id-dawl li qed inkomplu ngħinu fl-*on-going formation* ta' dawk li jahdmu fil-ministeru tad-Djakonija permezz ta' *seminars*. Hu f'dan id-dawl li qed nikkollaboraw fl-*on-going formation* tas-saċerdoti tagħna. Hu f'dan id-dawl li komplew inizjattivi bħall-programm għall-formazzjoni ta' l-għalliema tar-reliġjon li jservi bħala *on-going formation* għalihom. Hu f'dan id-dawl li qed jitkompla diskors strutturat mal-*Malta Qualifications Council* biex dawn il-korsijiet li noffru bħala IFP jigu akkreditati, diskors li issa wasal fl-stadji finali. Hu f'dan id-dawl li l-IFP qed jaħseb biex joffri servizz lill-aġenziji kollha fi ħdan il-knisja biex il-korsijiet li jinoffru jkunu rikonoxxuti ċivilment. Hu f'dan id-dawl li qed inkomplu noħolmu ma' entitajiet oħra fostkom intom hawn preżenti biex isiru inizjattivi ġodda fuq livelli u f'oqsma differenti. Hu wkoll f'dan id-dawl li, bħala parti mill-Evanġelizazzjoni ġdida, irridu noffru formazzjoni li tfisser esperjenza tal-persuna tal-Mulej Ġesù ħaj fi ħdan il-Knisja u tar-rikkezza tal-fidi fih. Formazzjoni li tinkludi l-kuntatt mal-Iskrittura

Mqaddsa, għarfien profond tad-dommi tal-fidi tagħna, esperjenza tas-sbuħija tal-liturġija, u riflessjoni personali dwar l-ispiritwalità, il-morali u t-tagħlim soċjali tal-Knisja. Irridu nsieħbu dan l-isforz formattiv ma' sforz li jfisser li ngħinu lil dak li jkun jitlob. Irridu nakkumpanjaw il-formazzjoni tagħna mill-qrib bi skola ta' talb. B'dan il-mod ikollna "Nsara li mhumiex arroganti jew li jgħaġġlu biex jitkellmu, imma rġiel u nisa li jafu r-reliġjon tagħhom, li jidħlu fil-fond, li jafu x'jemmnu u x'ma jemmnux, li jistgħu jaqsmu l-fidi tagħhom …. Irridu lajċi intelliġenti, istruwiti. Irriduhom iwessgħu l-għarfien tagħhom, li jikkultivaw ir-raġuni, li jindunaw bir-relazzjoni ta' verità ma' oħra …. Li jagħrfu r-relazzjoni bejn il-fidi u r-raġuni u l-pedamenti u l-prinċipji tal-Kattoliċeżmu" (John Henry Newman, *Omelija 9*, fi *Dmirijiet tal-Kattoliċi*, 1851). B'dan il-mod ikollna persuni li joffru l-Evanġelju b'mod personali billi jaqsmu, b'mod profond u konvinċenti, l-esperjenza tagħhom ta' fidi.

Evanġelizazzjoni tfisser ukoll li wieħed jibni pontijiet ta' djalogu – li jfisser kemm xhieda u kemm smiegħ – ma' oqsma differenti fis-soċjetà u li wieħed jiċċelebra wkoll it-tajjeb u s-sabiħ li jinsab 'il barra mill-istrutturi u 'l barra mill-preżenza tal-Knisja. Evanġelizazzjoni tfisser fuq kollox il-'ġibda' ta' ħajja Nisranija. Ma ninsewx li l-fidi fit-Trinità tippreġja r-relazzjonijiet!

Nixtieq nagħlaq dan id-diskors qasir bi ħsieb dwar il-ħtieġa tal-formazzjoni fi kliem il-Papa Benedittu XVI:

> Il-formazzjoni tas-saċerdoti, tal-persuni kkonsagrati u tal-lajċi għandu jkollha post ċentrali fil-pastorali ... Il-formazzjoni mogħtija lill-Insara għandha tagħtihom dawk il-mezzi li bihom jidħlu iktar fil-fond tal-fidi tagħhom. B'hekk ikunu iktar ippreparati jilqgħu għas-sitwazzjonijiet diffiċli li jiltaqgħu magħhom; jkunu kapaċi jgħaddu l-fidi nisranija bix-xhieda li jagħtu, waqt li jħossuhom dejjem akkumpanjati minn persuni bi preparazzjoni solida. Barra minn hekk, din il-formazzjoni għandha wkoll tgħin lil-lajċi li jikbru f'dawk l-i*skills* meħtieġa li bihom jkunu iktar lesti li jagħtu sehem fil-ħajja soċjali għat-tkabbir tal-ġid komuni.

(Indirizz lill-Isqfijiet tat-Togo, 22 ta' Ġunju 2007)

J'Alla l-okkażjoni tal-lejla tkun ta' ferħ għalikom, għeżież parteċipanti, u tkompli tiftaħ it-triq li fiha tant persuni oħra bħalkom iħossuhom li qed jwieġbu għas-sejħa tal-qadi billi jiffurmaw ruħhom b'mod sħiħ għall-ġid tas-saltna ta' Alla.

Rev. Dr. Mark Sultana

Direttur Istitut ta' Formazzjoni Pastorali